## Attivitajiet għax-xahar ta' Lulju

**Il-Ġimgħa 5 ta' Lulju:** Comino by Night. Se mmorru Kemmuna bil-boat "English Rose" fejn ikollna BBQ, mużika u divertiment. Min irid jista' jgħum, jimxi u jiżfen. Nieħdu gost żgur. Niltaqgħu fis-sitta nieqes kwart (5.45pm) Ċirkewwa ħdejn il-gabbana tal-injam. Niġu lura għal xi l-ħdax. Prezz: Kbar - €20 Tfal taħt il-5 snin – Free Tfal 5-10 snin - €9.50
Booking ma' Maria 99271981

**Il-Ħadd 14 ta' Lulju**: Is-Sajf jiġi biex niġru 'l barra. Għalhekk se mmorru nqattgħu ġurnata Għawdex. Bħas-soltu jkollna coach il-ġurnata kollha – 4 course meal għand Xerri il-Bukkett u nagħmlu programm aħna. Se jkollna ċans ngħumu u mmorru nisimgħu quddiesa. Niltaqgħu iċ-Ċirkewwa fit-tmienja u kwart ta' filgħodu (8.15am). Niġu lura għal ħabta tas-sebgħa u nofs (7.30pm). Prezz: Kbar - €15 Tfal - €8
Booking ma' Maria 99271981

**Il-Ġimgħa 19 ta' Lulju:** Illum Mae se toħodna dawra sal-Imdina. Niltaqgħu ħdejn il-Bandli tar-Rabat fit-tmienja ta' fil-għaxija. Nimxu mixja mal-Imdina, imbagħad fl-aħħar immorru l-Fontanella għal xi ħaġa tal-ikel. Għax aħna qatt ma nieklu xejn! Peress li r-Rabat hemm problema ta' parking l-aħjar tipparkjaw ħdejn l-iskola primarja tar-Rabat u timxu minn hemm.
Se tieħu ħsiebna Mae Caruana.

**Il-Ġimgħa 26 ta' Lulju:** Illum se niċċelebraw il-birthday Celebrations ta' dawk li għalqu sninhom f'Lulju. Se mmorru l-Melita Restaurant Ħ'Attard. Pizza/Pasta/Salad Prezz: Adulti 15€, Tfal 5.50€


**Chairperson: Maria Borg Mob. 9927 1981**
**Secretary: Louise Suda Mob. 9949 8784**
**Email: secretary@minusone.eu or info@minusone.eu**
**Find us on facebook: MinusOne Grp**
**https://minusonemalta.wordpress.com/**





**Volum 16, Ħarga 7/8** **Lulju 2013**

Għeżież Ħbieb,

Wasalna fis-sħana tas-sajf u għalhekk m'aħniex se niltaqgħu iktar Project House għat-tlett xhur li ġejjin. Pero', kif tistgħu taraw għandna programm mimli ġmielu u l-attivitajiet ma jonqsux. Nispera li tattendu u tikkoperaw sabiex ma naqtgħux qalbna u nibqgħu norganizzaw l-attivitajiet.

Peress li fis-sajf ikun hawn ħafna iktar attivitajiet; in-nies tmur il-baħar, festi, tiġijiet, nistgħu nifhmu li forsi n-numru fl-attendenza jonqos xi ftit, pero' nispera li xorta jkollna numru tajjeb ta' nies. Għal dan il-għan, f'din in-newsletter se ssibu l-attivitajiet ta' xahrejn sħaħ, ċioe' ta' Lulju u ta' Awwissu. B'hekk tkunu tafu minn qabel fuq l-attivitajiet tagħna u tkunu tistgħu tippjanaw aħjar.

Billi l-attivitajiet ta' barra mhumiex esklużi għall-membri biss tistgħu ġġibu ħbieb u qraba. The more the merrier. Importanti ħafna li tibbukkjaw fil-ħin u ma tħallux għall-aħħar jekk ma tridux tkunu ddiżappuntati.

Nispera li narawkom u li nkomplu nieħdu gost tul is-sajf kollu.

Dejjem Tagħkom
*Maria*

## Attivitajiet għax-xahar t'Awwissu

**Il-Ġimgħa 2 t'Awwissu**: Se niltaqgħu Żonqor Point Marsascala fit-tmienja ta' filgħaxija (8pm). Min irid iġib l-ikel, ix-xorb u l-għamara miegħu u nqattgħu ftit ħin pjaċevoli flimkien għall-frisk ta' ħdejn il-baħar. Se jieħu ħsiebna Victor.

**Il-Ġimgħa 9 t'Awwissu**: Illum se neħdukhom għad-dawl ta' qamar fuq id-Dingli Cliffs. Niltaqgħu fis-sebgħa u nofs ta' filgħaxija (7.30pm) ħdejn ir-Radar (dak il-ballun abjad kbir). Min irid iġib ikel u xorb. Ejjew kmieni ħa tilħqu nżul ix-xemx li huwa spettakolari minn hawn fuq. Min għandu jġib il-lampi għax jekk ma jkunx dawl ta' qamar insibu ruħna fid-dlam. Se tieħu ħsiebkom Maria

**Il-Ġimgħa 16 t'Awwissu**: Mixja minn Manoel Island sa tas-Sliema. Niltaqgħu ħdejn Manoel Island fit-tmienja ta' filgħaxija (8pm). Wara l-mixja immorru f'xi restaurant ħa nitrejqu ftit

**Il-Ħadd 25 t' Awwissu:** Illum se mmorru Sunset Cruise fil-port il-Kbir ma' Jean Paul. Nitilqu minn quddiem Marks and Spencer tas-Sliema minn fejn jitlaq il-Captain Morgan. Prezz: Adulti 6€, Tfal 4€

**Il-Ġimgħa 30 t'Awwissu**: Illum se mmorru niċċelebraw il-Birthday Celebrations. Dettalji iktar tard

## Esperjenza ta' Cruise Liner

Is-sur Mark Farrugia, ġentilment irranġalna biex nhar it-Tlieta, 3 ta' Settembru, immorru nżuru l-Cruise Liner ***"Legend of the Seas".*** Se mmorru bejn l-għaxra u nofs ta' filgħodu (10.30am) u s-sagħtejn ta' wara nofsinhar (14.00pm). Din tkun okkażjoni għalina biex insiru nafu iktar kif ikun Cruise Liner minn ġewwa u x'faċilitajiet jipprovdi. Jekk ikun hemm ħin ikollna wkoll ikla fuq il-vapur, f'wieħed mir-restaurants.

Biex nitilgħu fuq il-vapur irid ikollna passaport jew ID validi. Booking ma' Mark Farrugia 79452005. Nistgħu mmorru biss grupp ta' 40, first come first served. Booking jagħlaq fit-12 ta' Lulju. Dan kollu huwa bla ħlas pero' fl-aħħar tingħata donation għall-karita'.

## Il-Kumitat tagħna lkoll

Ħarsa qasira u ta' fuq fuq
Lejn dan il-kumitat il-ġdid.
Sejjer nikteb dak li jfettilli,
Li jiġi f'moħħi u li rrid.

Mela ħa nibdew miċ-chairperson
Iffissata fuq is-safar.
Il-ħin kollu tara x'tivvinta
M'għandhiex kwiet u m'għandhiex sabar.

Warajha hemm is-segretarja,
B'karattru kwiet u delikat.
Tieħu ħsieb ix-xogħol klerikali
Li jiddiskuti l-kumitat.

Issa wasalna għat-teżorier.
Kien jaħdem il-bank ċentrali
Jistinka biex jagħmel profitt, għax
Kieku żgur imut bil-għali.

Social secretary hi Maphine.
Kollox eżatt, bla ħmerijiet
Ta' xi ħarġa jew ta' xi ikla.
Tinnota w tiġbor l-ismijiet.

Edmea Caruana PRO.
Għall-passaport għandha trid tmur.
Ubiex tlaħħaq ma' dax-xogħol kollu
Jkollha bil-fors tuża l-mutur.

I.T officer Mark Farrugia.
Karattru serju w ta' ftit kliem.
Jibqa' sejjer anke jistinka
Sakemm ix-xogħol iġib fit-tmiem.

Iddeċidew li jagħmlu lili
Tal-kultura koordinatur.
U jekk se nibqa' indejjaqhom
B'rasi nfaxxata nitlaq żgur

Insomma veru qegħdin tajjeb
B'ruxxmata karattri mżewwqin.
Pero' għandna ħafna talenti
Li ġo grupp wieħed magħqudin.

*Joseph Farrugia*